MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2014

Numru. 1054/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Frankie Sammut]**

**vs**

**Kilakone Bakary**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kilakone Bakary detentur tal-karta tal-pulizija bin-numru 14C-041.

Akkuzat talli:

1. Fis-27 ta' Ottubru, 2014 u jew fil-granet ta' qabel f'Malta iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport jew dokument, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport jew dokument, li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbdiddla jew sar xi tibdil fihom f'isem Kilakone Bakary
2. Ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija;
3. Ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Rat id-dokumenti pprezentanti; inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikolu 6 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 32(1d) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qed issib lill-imputat Kilakone Bakary hati tal-ewwel (1) akkuza, stante li t-tieni (2) u t-tielet (3) akkuza huma alternattivi ghal dik tal-ewwel (1) u bl-

applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundannah ghal tmien (8) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2).

Finalment, spjegat lill-imputat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------